MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1092/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Jospeh Muscat (K.I. 132387M)**

## It-Tribunal

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, sebgha u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,077.26) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 426628 u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal- 4 ta'Frar, 2011 mill-PL Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-kawza.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------